31994R1868

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1868/94
tas-27 ta' Lulju 1994
li jistabbilixxi sistema ta' kwoti f'dak li għandu x'jaqsam mal-produzzjoni ta' lamtu tal-patata

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 42 u 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [3],

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1543/93 ta' l-14 ta' Ġunju 1993 li jiffissa l-ammont tal-*premium* imħallas lill-produtturi tal-lamtu tal-patata matul is-snin tas-suq 1993/94, 1994/95 u 1995/96 [4] ipprovda biex il-Kunsill jiddeċidi liema miżuri għandu jieħu jekk il-produzzjoni tal-lamtu tal-patata fil-Komunità tkun qabżet il-1,5 miljun tunnellati metriċi fis-sena tas-suq 1993/94 jew 1994/95; billi l-produzzjoni fis-sena 1993/94 qabżet din iċ-ċifra;

Billi s-settur tal-lamtu tal-patata mhux soġġett għar-restrizzjonijiet fuq il-produzzjoni, u partikolarment għat-twarrib, li jiġi applikat fis-settur taċ-ċereali; billi d-dispożizzjonijiet kollha favur is-settur tal-lamtu tal-patata jridu madankollu jkunu kompatibbli mal-kontroll tal-produzzjoni, li huwa meħtieġ fis-settur tal-lamtu tal-patata daqs kemm hu f'setturi oħra;

Billi l-miżura għall-kontroll tal-produzzjoni li taqbel l-iktar mal-mekkaniżmu tal-*premiums* għall-produzzjoni tal-lamtu tal-patata hija dik ta' l-introduzzjoni ta' sistema ta' kwoti;

Billi kull Stat Membru fejn ikun ġie prodott il-lamtu tal-patata għandu jiġi allokat kwota bbażata fuq l-ammont medju ta' lamtu tal-patata prodott f'dak l-Istat Membru fis-snin tas-suq 1990/91, 1991/92 u 1992/93 li għalihom kien gie irċevut *premium*, aġġustat proporzjonalment billi wieħed iqis kwota totali Komunitarja ta' 1,5 miljun tunnellati metriċi;

Billi l-kwoti għandhom jiġu allokati lid-Danimarka, lill-Ġermanja, lil Spanja, lil Franza u lill-Olanda għal użu fis-snin tas-suq 1995/96, 1996/97 u 1997/98;

Billi fil-każ tal-Ġermanja, il-bidla mill-ekonomija pjanata eżistenti fil-*Länder* il-ġdid qabel ir-reunifikazzjoni għal ekonomija tas-suq bil-bidla konsegwenti fl-istrutturi tal-produzzjoni agrikola u investimenti meħtieġa tiġġustifika l-użu ta' sena ta' referenza differenti, jiġifieri is-sena 1992/93, u ż-żieda fl-ammont prodott f'dik is-sena b'90 000 tunnellata metrika, flimkien mal-ħolqien ta' riserva għall-Ġermanja biex tkopri l-produzzjoni li tirriżulta minn investimenti li saru permezz ta impenn irriversibbli qabel il-31 ta' Jannar 1994, jekk dan ma jistax jintlaħaq fil-limitu tal-kwota allokata lill-Ġermanja; billi dawn l-ammonti ma jistgħux jidħlu fil-kwota Komunitarja ta' 1,5 miljun tunnellati metriċi; billi huwa għalhekk meħtieġ li jiġu miżduda ma' din iċ-ċifra;

Billi l-Istati Membri produtturi għandhom jallokaw il-kwota tagħhom għal perjodu ta' tliet snin fost l-impriżi kollha li jipproduċu l-lamtu tal-patata, fuq il-bażi tal-medja ta' lamtu prodott minnhom matul is-snin ta' suq 1990/91, 1991/92 u 1992/93 u li għalihom ġie rċevut *premium*, jew l-ammont ta' lamtu prodott fis-sena ta' suq 1992/93 biss fuq l-istess bażi, bl-għażla ta' l-Istat Membru, u l-investimenti magħmula minn dawk l-impriżi qabel il-31 ta' Jannar 1994 f'dak li għandu x'jaqsam mal-lamtu tal-patata;

Billi sabiex wieħed iqis ir-ristrutturizzazzjoni possibbli tas-suq tal-produzzjoni tal-lamtu tal-patata fil-Komunità l-Kummissjoni għandha, fit-tmiem tal-perjodu tat-tliet snin u wara dan f'intervalli ta' tliet snin, tagħmel rapport lill-Kunsill dwar l-allokazzjonijiet tal-kwoti akkumpanjat, jekk meħtieġ, bi proposti xierqa; billi f'dak iż-żmien, il-każ ta' produtturi ġodda tal-lamtu tal-patata jiġi eżaminat;

Billi restrizzjonijiet strutturali speċifiċi fuq is-settur tal-produzzjoni tal-lamtu jagħmluh neċessarju li jiġi stabbilit *premium* għall-produzzjoni tal-lamtu tal-patata sal-livell tal-kwota ta' impriża; billi, sabiex jiġu protetti l-produtturi tal-lamtu tal-patata, il-ħlas tal-*premium* ikun jiddependi fuq il-ħlas tal-prezz minimu għall-kwantità ta' patata meħtieġa biex tipproduċi l-lamtu sal-livell tal-kwota;

Billi l-impriżi li jipproduċu l-lamtu tal-patata m'għandhomx jikkonkludu kuntratti ta' koltivazzjoni li jkollhom x'jaqsmu ma' kwantità ta' patata li tkun tipproduċi lamtu f'eċċess għall-kwota tagħhom mal-produtturi tal-patata; billi kull lamtu prodott

[1] ĠU C 83, tad-19.3.1994, p. 5.
[2] ĠU C 128, tad-9.5.1994.
[3] ĠU C 148, tad-30.5.1994, p. 49.
[4] ĠU L 154, tal-25.6.1993, p. 4.

f'eċċess għal din il-kwota għandu jiġi esportat mill-Komunità mingħajr il-benefiċċju ta' kwalunkwe rifużjoni fuq l-esportazzjoni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Qed tiġi hawnhekk introdotta sistema ta' kwoti għall-produzzjoni ta' lamtu tal-patata li tista' tibbenefika minn għajnuna Komunitarja.

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri produtturi li ġejjin huma hawnhekk allokati kwoti għall-produzzjoni ta' lamtu tal-patata fil-limiti li ġejjin għas-snin tas-suq 1995/96, 1996/97 u 1997/98:

Id-Danimarka:	178 460 tunnellata metrika,
Il-Ġermanja:	591 717 il tunnellata metrika,
Spanja:	2 000 tunnellata metrika,
Franza:	281 516 il tunnellata metrika,
L-Olanda:	538 307 tunnellata metriċi,
Total:	1 592 000 tunnellata metrika

Għandha tinħoloq riserva ta' massimu ta' 110 000 tunnellata metrika biex tkopri l-produzzjoni realizzata fil-Ġermanja fis-sena tas-suq 1996/97 basta, iżda, illi din il-produzzjoni tirriżulta minn investimenti li jkunu saru taħt sistema irriversibbli qabel il-31 ta' Jannar 1994. Il-Ġermanja tista' tutilizza din ir-riserva biss wara li tkun eżawriet kull kwota disponibbli b'riżultat tal-waqfien tannegozju ta' l-impriżi li jipproduċu l-lamtu tal-patata. L-użu tar-riserva mill-Ġermanja għandha tkun soġġetta għall-aċċettazzjoni tal-Kummissjoni illi ġew imħarsa il-kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

2. Kull wieħed mill-Istati Membri produtturi għandu jalloka l-kwota imsemmija fil-paragrafu 1 lil impriżi li jipproduċu l-lamtu tal-patata għall-użu fis-snin tas-suq 1995/96, 1996/97 u 1997/98, bl-għażla ta' l-Istat Membru, fuq il-bażi ta':

— jew l-ammont medju ta' lamtu prodott minnhom fis-snin tas-suq 1990/91, 1991/92 u 1992/93 u li għalihom ikunu rċevew il-*premium* imsemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 1543/93,

— jew l-ammont ta' lamtu prodott minnhom fis-sena tas-suq 1992/93 u li għalihom ikunu rċevew il-*premium* imsemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 1543/93.

Fejn meħtieġ, Stat Membru produttur għandu wkoll, fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, iqis l-investimenti magħmulha mill-impriżi li kienu jipproduċu l-lamtu tal-patata qabel il-31 ta' Jannar 1994 li ma rriżultawx f'produzzjoni fil-perjodu ta' referenza magħżul mill-Istat Membru.

L-Artikolu 3

1. Fil- jew qabel il-31 ta' Ottubru 1997 u wara din id-data f'intervalli ta' tliet snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill rapport dwar l-allokazzjoni ta' kwota ġewwa l-Komunità, akkumpanjat fejn meħtieġ bi proposti xierqa. Dan ir-rapport irid iqis l-iżvilupp tas-suq tal-lamtu tal-patata kif ukoll dak tal-lamtu taċ-ċereali.

2. Fi jew qabel it-30 ta' Novembru 1997 u wara din id-data f'intervalli ta' tliet snin, il-Kunsill, fuq bażi ta' l-Artikolu 43 tat-Trattat, għandu jalloka kwota fost l-Istati Membri fuq bażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, għall-użu fit-tliet snin tas-suq segwenti.

3. Fil- jew qabel il-31 ta' Diċembru 1997 u wara din id-data f'intervalli ta' tliet snin, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lil dawk konċernati dwar id-dettalji ta' l-allokazzjonijiet tal-kwoti għat-tliet snin ta' suq segwenti.

L-Artikolu 4

Impriża li tipproduċi lamtu tal-patata m'għandhiex tikkonkludi kuntratti ta' koltivazzjoni ma' produtturi tal-patata għal kwantità ta' patata li tkun tipproduċi kwantità ta' lamtu f'eċċess tal-kwota tagħha, kif imsemmija fl-Artikolu 2(2).

L-Artikolu 5

Għandu jitħallas *premium* ta' ECU 18,43 għal kull tunnellata metrika ta' lamtu prodott lill-impriżi li jipproduċu lamtu tal-patata għall-kwantità tal-lamtu tal-patata sal-limitu tal-kwota msemmija fl-Artikolu 2(2), basta illi jkunu ħallsu lill-produtturi tal-patata l-prezz minimu, imsemmi fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 [1], għall-patata kollha meħtieġa biex tipproduċi lamtu sa dak il-limitu tal-kwota.

L-Artikolu 6

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, kull lamtu tal-patata prodott li jaqbeż l-kwota msemmija fl-Artikolu 2(2) għandu jiġi esportat, kif inhu, mill-Komunità qabel l-1 ta' Jannar ta' wara t-tmiem tas-sena tas-suq inkwistjoni.

M'għandha titħallas l-ebda rifużjoni ta' esportazzjoni fir-rigward tiegħu.

[1] ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1866/94 (ĠU L 197, tat-30.7.1994, p.1.)

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, impriża li tipproduċi lamtu tal-patata tista', f'kull sena tas-suq, b'żieda mal-kwota tagħha għal dik is-sena, tutilizza mhux iktar minn 5 % tal-kwota tagħha għas-sena tas-suq ta' wara. F'dan il-każ, il-kwota għas-sena ta' wara titnaqqas relattivament.

L-Artikolu 7

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament m'għandhomx ikopru l-produzzjoni tal-lamtu tal-patata ta' impriżi li la jixtru patata li tkun ibbenefikat mill-għajnuna kompensatorja msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 u li lanqas ma jibbenefikaw mir-rifużjoni msemmija fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 8

Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92. Dawn għandhom jinkludu, b'mod partikolari, regoli li jkunu japplikaw fil-każ ta' għaqda, bdil tal-proprjetà u l-bidu jew ċessjoni tan-negozju ta' l-impriżi, u kull miżura speċifika meħtieġa biex tiffaċilita t-transizzjoni mis-sistema fis-seħħ għal dik stabbilita b'dan ir-Regolament.

L-Artikolu 9

Ir-Regolament (KEE) Nru 1543/93 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Lulju 1995. Ir-referenzi kollha għar-Regolament (KEE) Nru 1543/93 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

L-Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu jibda jseħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Lulju 1995.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Lulju 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

Th. WAIGEL